MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 2181/2000/1

**Joseph M Robinich bhala President tal-Malta Traditional Karate Federation.**

**-vs-**

**Franco Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Malta Traditional Karate Federation;

Illi fid-29 ta’ mejju, 2000, Joseph M. Robinich gie elett bhala President tal-Malta Traditional Karate Federation;

Illi permezz ta’ kuntratt ta’ emfitewsi temporanja fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat t-23 ta’ Dicembru, 1999 l-Malta Traditional Karate Federation giet assenjata zewgt ikmamar li jinsabu fil-kumpless Sportiv ta’ Kordin limiti ta’ Rahal Gdid, konfinanti mill-Punent ma’ Triq pubblika minghajr isem, mill-Lvant mal-bacir u mit-tramuntana ma’ art tal-Gvern, jew irjieh verjuri (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument “A”);

Illi l-konvenut minghajr ebda awtorizazzjoni tas-sidien jew tal-inkwilini tal-fond de quo biddel is-sellatura tal-kmamar surreferiti b’mod illi l-Federazzjoni m’ghandiex access ghall-imsemmija kmamar;

Illi in oltre ghal premess l-konvenut qieghed wkoll abbusivament jzomm fil-pussess tieghu, u dan minghajr ebda awtorita skond il-Ligi d-dokumenti, kotba, korrispondenza, u l-effetti kollha proprjeta ta’ l-istess Federazzjoni illi huwa seta’ jirritjeni biss qua President ta’ l-istess;

Illi b’konsegwenza ta’ dan l-agir illegali da parti tal-konvenut il-Federazzjoni attrici ma tistax topera u b’konsegwenza qeghda ssofri d-danni;

Illi nonostante gie debitament interpellat biex jirregola l-posizzjoni tieghu, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

(1) Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenut abbusivament u minghajr ebda awtorita’ skond il-Ligi biddel is-sellatura tal-kmamar assenjati lill-Malta Traditional Karate Federation;

(2) Tikkundanna l-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jerga jqiegħed s-sellatur l-antika, jew jagħtih kull kopja tac-cwievet ta' dik odjerna sabiex l-attur ikollhu access ghal-fond de quo, u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur ibiddel l-istess sellatur u dan a spejjes unikament tal-konvenut;

(3) Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jirilaxxa d-dokumenti, kotba, korrispondenza u l-effetti kollha proprjeta' ta' l-Malta Traditional Karate Federation f'idejn l-attur;

(4) Tiddeciedi u tiddikjara illi frott dan l-agir illegali u abbuziv tal-konvenut, l-attur sofra danni ingenti;

(5) Tillikwida tali danni u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess ammont hekk likwidat lill-konvenut;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 20 ta' Settembru, 2000 u tal-Protest Gudizzjarju datata ta' Settembru, 2000, kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-30 ta' Ottubru, 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni peress li din hija akkumpanjata minn dikjarazzjoni li saret minn Joseph Robinich personalment, meta l-kawza qeghda ssir mill-Malta Traditional Karate Federation.

2. Illi din il-Qorti ghandha tordna s-soprasessjoni ta' dawn il-proceduri, stante li hemm proceduri pendenti bejn il-

kontendenti (**Joseph M. Robnich nomine vs Franco Azzopardi** – Citaz. Nru: 1696/2000), f'liema proceduri qeghda tigi kontestata l-allegazzjoni li Joseph Robinich huwa president tal-Malta Traditional Karate Federation.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet numru tnejn (2) u tlieta (3) diga' huma l-meritu tal-kawza fl-ismijiet **Joseph M. Robnich nomine vs Franco Azzopardi** – Citaz. 1696/2000 appuntata ghat-8 ta' Novembru 2000. Ghalhekk dawn it-talbiet huma frivoli.

4. Illi l-attur m'ghandu ebda titolu fuq il-kmamar in kwistjoni u ghalhekk l-ewwel u t-tieni talba huma mproponibbli.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent ma biddel ebda sellatura u m'ghandux fil-pussess tieghu cwievet tal-ambjenti meritu tal-kawza.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, l-eccipjent qieghed jikkontesta bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ir-raba' u l-hames talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali kompriz il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2002 fejn il-konvenut irrinunjzja ghall-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur nomine f'kawza ohra fl-istess ismijiet (1696/2000) qed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenut ma baqax President tas-socjeta' minnu rappresentata u li *nonostante* dan baqa' jokkupa zewgt ikmamar li taghhom l-istess socjeta' hija utilista. Din il-kawza qed tgi deciza illum stess. Fil-frattemp l-attur nomine ippresenta din il-kawza minhabba li qed jallega li l-konvenut biddel is-serratura tal-kmamar fil-mori tal-kawza.

L-unika prova li tressqet fil-kawza kienet l-allegazjoni tal-process tal-mandat ta' inibizzjoni li gie propost u milqugh qabel infethet il-kawza. Fid-decizjoni taghha moghtija fit-3 ta' Awwissu, 2000 il-Qorti kienet qalet; "*L-istess intimat accetta l-fatt li l-membri hemm imsemmija u hekk deskritti fl-istess minuti nkluzi r-rikorrenti kienu, l-ewwel membri u t-tieni kellhom id-dritt jivvutaw fl-istess laqgha skond l-istess laqgha.*

*... din il-Qorti hija tal-opinjoni illi l-istes rikorrenti huwa l-President tal-Assocjazzjoni rikorenti u dan gie pruvat prima facie ...*"

Kif il-Qorti rrimarkat fis-sentenza moghtija llum stess fil-kawza msemmija, hija ma ssib ebda raguni ghaliex ma ghandhiex taddotta anke hi din il-konkluzjoni ghaliex ma ngabet ebda prova da parti tal-konvenut biex jirribatti dak li ntqal fil-kors tal-proceduri tal-mandat. Ghalhekk it-tieni u t-tielet eccezjoni tal-konvenut huma nfondati. Fir-rigward tar-raba' eccezzjoni il-prova tat-titolu saret sufficjentement billi gie esebit il-kuntratt in kwistjoni.

Fir-rigward tat-talbiet ghal ripristinar tas-sellatura kif kienet qabel ,ma ngabu ebda provi u anke in vista tal-fatt li tali talba hija sorvolata mit-talba ghall-isgombrament kontenuta fil-kawza l-ohra, il-Qorti m'hijex se tipprovdi fir-rigward f'din il-kawza. Il-konvenut pero' ma cahadx li ghandu f'idejh il-kotba u dokumenti tal-assocjazzjoni u galhekk din it-talba se tigi milqugha. Fir-rigward tad-danni mitluba ma ngabu ebda provi.

**Ghal dawn il-mottivi tilqa’ l-hames eccezzjoni tal-konvenut u tichad l-ewwel u t-tieni talba izda tilqa’ t-tielet talba tal-attur nomine, b’dan illi fir-rigward tal-istess talba tipprefiggi terminu ta’ xahar; u tichad ir-raba’ u hames talbiet.**

**L-ispejjes jithallsu in kwantu ghal kwart mill-konvenut u tlett kwarti mill-attur nomine.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------